1.2.2016 B8-0133/1/rev.

**Emenda 1/rev.**
**Bart Staes**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0133/2016**
**Giovanni La Via**
f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Oġġezzjoni skont l-Artikolu 106: awtorizzazzjoni tas-sojja ġenetikament modifikata FG72

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi s-sojja ġenetikament modifikata MST-FGØ72-2, kif deskritta fl-applikazzjoni, tesprimi l-proteina 2mEPSPS li tagħti tolleranza għall-erbiċidi tal-glifosat u l-proteina HPPD W336 li tagħti tolleranza għall-erbiċidi tal-isoksaflutol; billi l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, li hija l-aġenzija tad-WHO speċjalizzata fil-kanċer, fl-20 ta' Marzu 2015 ikklassifikat il-glifosat bħala sustanza x'aktarx karċinoġenika għall-bniedem[1]; | B. billi s-sojja ġenetikament modifikata MST-FGØ72-2, kif deskritta fl-applikazzjoni, tesprimi l-proteina 2mEPSPS li tagħti tolleranza għall-erbiċidi tal-glifosat u l-proteina HPPD W336 li tagħti tolleranza għall-erbiċidi tal-isoksaflutol; billi l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, li hija l-aġenzija tad-WHO speċjalizzata fil-kanċer, fl-20 ta' Marzu 2015 ikklassifikat il-glifosat bħala sustanza x'aktarx karċinoġenika għall-bniedem[1]; ***billi fl-4 ta' Settembru 2015 l-Office of Environmental Health Hazard Assessment (OEHHA) ta' Kalifornja avża formalment li għandu l-intenzjoni jżid il-glifosat mal-lista ta' sustanzi kimiċi rikonoxxuti mill-Istat bħala karċinoġeniċi;*** |
| [1] Volum 112 tal-Monografiji tal-IARC: valutazzjoni ta' ħames insettiċidi u erbiċidi organofosforiċi, l-20 ta' Marzu 2015 http://www.iarc.fr/en/media-centre/iarcnews/pdf/MonographVolume112.pdf | [1] Volum 112 tal-Monografiji tal-IARC: valutazzjoni ta' ħames insettiċidi u erbiċidi organofosforiċi, l-20 ta' Marzu 2015 http://www.iarc.fr/en/media-centre/iarcnews/pdf/MonographVolume112.pdf |

Or. en


Magħquda fid-diversità